

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 35/2009

tas-17 ta' Marzu 2009

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2009 tal-5 ta' Frar 2009 (¹).
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2008 tat-8 ta' Settembru 2008 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006 (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftheim.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 875/2008 jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1962/2006 (³), li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ġEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafi dwar il-ftehimiet tranżitorji għall-Bulgarija fil-punti 64a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2408/92) u 66n (ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandhom jitħassru.
2. Il-punt li jmiss għandu jiddaħħal wara l-punt 64a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2408/92):  
“64aa. **32008 R 0875:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2008 tat-8 ta' Settembru 2008 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006 (ĠU L 240, 9.9.2008, p. 3).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 875/2008 fl-ilsien Iż-żlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(¹) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 52.

(²) ĠU L 240, 9.9.2008, p. 3.

(³) ĠU L 408, 30.12.2006, p. 8. Edizzjoni Speċjali Bil-Malti ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 812.

(\*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.